MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCICLUNA DAVID

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1728/1993/1

Robert Cassar
vs
Henry Battistino ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` 'Mirya Limited'

Illum. 2 ta' Ottubru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Dicembru 1993 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fit-30 ta’ Jannar 1992 l-attur li kien impjegat mas-socjeta’ konvenuta, waqt li kien fuq xogholu fil-Qasam Industrijali il-Marsa fuq makna, wegga gravament f’idejh;

Illi kagun tal-griehi ta’ natura gravi li garrab huwa sofra danni konsistenti f’damnum emergens u lucrum cessans, tant illi qed ibati minn debilita ta’ natura permanenti;

Illi ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali jahti l-konvenut nomine minhabba imprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet il-konvenut nomine ma resaqx biex jaghmel tajjeb ghad-danni imsemmija;

talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara l-konvenut nomine responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni konsegwenzjali li sofra l-attur;
2. tillikwida dawn id-danni, occorrendo bl-opra ta’ perit nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas is-somma hekk likwidata lill-attur;

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Mejju 1993 u tal-Mandat ta’ Sekwestru tallum u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut illi huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi l-eccipjenti ma kellu ebda tort fl-incident in kwistjoni li gara unikament minhabba traskuragni da parte tal-attur, u ghalhekk l-eccipjenti anqas hu responsabbli ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-13 ta' April 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali, u okkorrendo bl-assistenza medika ta' Dr. Carmel Sciberras M.D., biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjoniiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa mill-periti gudizzjarji fit-12 ta' Mejju 1997;

Rat id-domandi li saru in eskussjoni tal-perit legali u t-twegibiet moghtija minnu;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda incident li sehh fit-30 ta' Jannar 1992 fil-fabbrika gestita mis-socjeta` konvenuta, f'liema incident l-attur korra meta zelqitlu hgiega u qatghetlu parti mill-polz. Dwar dan m'hemm l-ebda kontestazzjoni. Izda filwaqt li l-attur isostni li dan gara minhabba li s-socjeta` konvenuta ma kenitx ipprovdietlu s-*safety equipment* mehtieg, is-socjeta` konvenuta tghid li l-incident tort ta' l-istess attur li naqas milli jilbes l-ingwanti u *wrist guards* provduti minnha.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jikkummenta hekk:

"37. Is-*safety* fuq ix-xoghol titfa obbligi fuq il-haddiem kif ukoll fuq min ihaddem. Il-haddiem irid:-

a) <u>jindokra lilu nnifsu</u> billi jhares sahhtu u jikkoncentra fuq xogholu.

b) <u>Jaghmel uzu</u> mill-apparat ta' *safety* li jipprovdilu l-employer.

c) <u>Jitlob lill-employer</u> dak li jkollu bzonn bhala *safety*.

d) <u>Jesigi</u>, skond ma hu xieraq, u bil-manjiera xierqa, li jinghata s-*safety equipment* f'kaz ta traskuragni, inadempjenza, jew rifjut ossia rikalcitranza da parte tal-employer. Ghall-inkoluminita' tal-haddiem l-ewwel ma jrid jahseb hu l-haddiem innifsu.

38. Min ihaddem irid jara li:-

a) jkun hemm ambjent ta' *safety* mehtieg u dana b'mod partikolari u specifiku ghax-xoghol li jkun qed isir.

b) Jipprovdi l-apparat ta' *safety* mehtieg u dana b'mod partikolari u specifiku ghax-xoghol li jkun qed isir.

c) Jesigi u jissorvelja bis-sahha kollha necessarja li s-*safety* tigi mharsa fl-aspetti kollha taghha.

39. Minn dan kollu jitnissel li:-

1) l-haddiem mhux bizzejjed li juri disposizzjoni li jitlob…….. imbaghad jakkwjexxi ghal kull nuqqas u insufficjenza u
2) Min ihaddem mhux bizzejjed li juri disposizzjoni li jforni apparat ta' *safety,* sua sponta jew ghax jitolbuhulu, u mbaghad ihalli kollox ghaddej u jippekka fejn jidhol id-dover ta' sorveljanza u infurzar.

40. Fil-fehma tal-esponent fil-fabbrika fejn wegga l-attur kien hemm certa leggerezza f'dik li hi *safety wear*. Kien hemm kunfidenza zejda.
41. F'din il-kawza l-attur sab ma wiccu bhala xhieda lill-konvenut (employer dirett tieghu), lil Gaspare Battistino (missier il-konvenut), Sandro Battistino (kugin il-konvenut), u zewg haddiema li kienu ghadhom impjegati mas-socjeta' konvenuta. Meta tqis kollox, tohrog, fil-fehma tal-esponent, il-leggerezza. Dwar ix-xhieda ta' dawn jigi osservat dan:-
i) Pawlu Cassar meta xehed kien ilu mal-fabbrika 9 snin. Qal li hu jahdem il-Marsa (u Kordin, fejn wegga l-attur imur okkazjonalment). Enfasizza li s-*safety equipment* qieghed f'idejh il-Marsa "u nordna jien u Kordin nissuplixxi skond ma jitolbuni". Pero' dejjem kellu provvista disponibbli.
ii) Henry Battistino jghid li kien jghidilhom joqghodu attenti ma jweggghux "pero' kif jghidu l-Inglizi liz-ziemel ma tistax iggieghlu jixrob. Jien kien mohhi mistrieh li kien hemm il-prekawzjonijiet kollha" u "il-haddiema tghidilhom u tghidilhom izda ma tistax toqghod maghhom il-hin kollu".
iii) Gaspare Battistino, direttur, xehed "Qed nigi mistoqsi jekk kontx narahom attwalment jintuzaw fuq ix-xoghol. Iva u le, ghax id-decizjoni tal-individwu dejjem.
iv) Sew il-konvenut kif ukoll missieru (Gaspare Battistino) iddeskrivew lill-attur bhala kapaci izda mferfex (ipso verbo). B'dan kollu ma rrizultat ebda darba li huma widdbuh, lilu personalment, dwar nuqqas ta' uzu ta' ilbies

prottettiv. Pero’ l-marda, jittenna ma kienitx nuqqas ta’ provvista izda nuqqas ta’ sorveljanza.

42. Da parti tal-attur jigi osservat illi:-

a) l-ilbies ta’ hwejjeg ta’ protezzjoni kienet haga cara u elementari.
b) Mhux minnha, l-espressjoni li ried jaghti l-attur, li fil-fabbrika l-apparat kien qisu haga estranja jew ta’ presenza rari. Iktar kien minnu li hu kien ha kunfidenza zejda max-xoghol u din il-kunfidenza indebita hi ngridjent komuni sew fejn jidhlu ncidenti fuq ix-xoghol.

43. Meta jqis dan kollu migjub f’din it-Taqsima, u fuq sfond tal-provi prodotti l-esponet ihoss li ghall-incident (kawzat minn nuqqas ta’ ilbies ta’ ngwanti u *wrist cuffs* – li kellhom ikunu sufficjenti anke jekk il-hgiega ma kienitx xuttata ghal kollox) ghandu jahti maggorment l-attur innifsu pero’ l-konvenut noe kellu wkoll sehem fil-htija u responsabilita’ minhabba ta’ leggerezza fl-infurzar tal-imgieba konducenti ghal *safety* fuq ix-xoghol.”

Huwa konsegwentement ikkonkluda li r-responsabbilta` ghandha tigi apporzjonata kwantu ghal zewg terzi l-attur u terz il-konvenut.

Issa fis-seduta peritali tas-6 ta' Ottubru 1994, a fol 68 l-attur ighid li ‘*Il-makna bl-ilma dejjem ghaddej u jien ma kellix ingwanti: qatt ma kelli*’. Kompla jispjega li kemm-il darba hu u l-impjegati shabu kienu talbu lill-konvenut nomine ghall-ingwanti u hu kien ighidilhom li kien ser igibilhom l-ingwanti. Fl-istess seduta kompla jispjega li ‘*Biex naqbad il-hgieg mill-karrozza kont nuza bicca tubu ta’* tyre *li pprovdejt jien stess. Dana ma stajtx nuzah ghal waqt l-ilma ghax bl-ilma l-lasktu jizloq’.* Fil-fatt fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 1995, l-impjegat l-iehor Paul Galea jghid li ngwanti sabiex jaqbdu l-hgieg kellhom u kienu jintuzaw. Dawn kienu “*ingwanti tad-drapp u bir-rubber ….Safejn naf jien ingwantii kienu dejjem ta’ l-istess tip.’* U dan allura jikkonferma li l-attur kellu biss l-istess ingwanti bhall-impjegati l-ohra u mhux dawk appoziti.

Fis-seduta tas-26 ta’ Ottubru, 1994, a fol 71, ighid l-istess attur li *‘Ahna kulma gibna mill-Germanja tliet pari ngwanti li tajbin biex taqbad il-hgieg bihom mill-kaxxi izda mhux ghal fuq il-makni fejn hemm l-ilma’.* Pawlu Cassar a fol 96 jixhed *‘Hemm zewg tipi ta’ ngwanti anzi tlieta. Ingwanti li nuza fli “spray” ghal kontra l-actu; ingwanti tal-gilda griza (general purpose) u ngwanti tal-lastiku (differenti minn tal-actu) li ghandhom qabda ahjar’.* Imbaghad Sandro Battistino in kontro-ezami a fol 98 jixhed *‘Roberto kellu par ingwanti hodor qishom tal-platti, li kienu gew mill-Germanja u huma tal-lastiku u kellu par biex tiggrippja l-hgiega. Dawn tal-ahhar ghall-uzu fin-niexef’.*

Mistoqsi dwar jekk qatt issemmew tipi ohra ta’ ngwanti, ix-xhud Paul Galea a fol 79 ighid ukoll li *‘nghid li le ghax li kellna kienu tajbin’* izda dan kif jista’ ighid? Ha in konsiderazzjoni li ingwanti ta’ tip wiehed jistghu ma jkunux tajbin ghal kollox? Il-kwistjoni mhix jekk kienx hemm ingwanti, izda jekk li kien hemm kinux adettati.

Jirrizulta minn Dok. RC(21) miktuba minn Capital Insurance Services Ltd li l-ingwanti ghal xi raguni mhux spjegata, ma gewx prezentati lill-kumpanija assikurattrici filwaqt li gew prezentati lilha l-*wrist guards.*
L-attur in kontro-ezami jaccetta a fol 79 li *‘Kamoxxi biex nimsah il-hgieg kelli – biex il-hgiega ma tkunx imxarrba’.* Il-konvenut nomine stess jammetti fix-xhieda tieghu tal-21 ta’ Marzu, 1995, a fol 85 li l-attur kellu *hand squeezer* u kamoxxa sabiex jimsah il-hgiega u ghalhekk tohrog wehedha l-mistosija ghaliex in-necessita ta’ dawn jekk l-ingwanti kienu adegwati? Fil-fatt l-istess konvenut nomine fix-xhieda tieghu jkompli jghid li l-hgiega *‘Ma ggibhiex qoxqox izda ‘safe’ ghax-xoghol ta’ ‘handling’”.* U kemm wiehed jista’ jkun cert minn dan?

Minn Dok. RC 21 ga’ msemmi jidher li l-vertenza giet spustata fuq l-uzu ta’ *wrist guards u* l-istess enfazi saret mill-konvenut nomine fil-proceduri odjerni. Izda l-uzu ta’ dawn wahedhom kienu jevitaw l-incident? Il-possibilita li l-hgiega tizloq ma kienitx tigi minimizzata bl-uzu ta’ ngwanti appoziti? U wara kollox x’kienet l-accessibilita ghal dawn ir-*wrist guards*? L-attur ighid fis-seduta tal-15 ta’

Novembru 1994 li "*wrist guards'* (ghal fuq il-polz) ma kellix… qatt ma rajt u ma nafx kif inhuma". Izda l-konvenut nomine min-naha tieghu fis-seduta tal-21 ta' Marzu 1995, a fol 85 ighid li *'Fil-post dejjem kien hemm l-ingwanti u anke "wrist cuffs"'.* L-istess ighid missieru Gaspare Battistino fis-seduta ta' l-20 ta' Lulju, 1995, a fol 90. Fix-xhieda tieghu moghtija fl-istess seduta Pawlu Cassar prim kugin tal-konvenut nomine li kien inkarigat mis-*safety equipment* fil-fabbrika tal-Marsa u li kien jissuplixxi lil Kordin, qal li *'Kemm ili nahdem hemm dejjem kellna 'available' ir-"wrist guards" apparti affarijiet ohrajn ta' "safety" bhala ngwanti, u fradal tal-gilda'.* Kompla jghid ukoll li *'Robert Cassar kien, waqt li qed nitkellmu bejnietna, qalli li kien hu li ghazel il-"wrist guards".* L-ircevuta li pprezenta ggib id-data ta' Settembru, 1990, cioe' madwar sena u erba' xhur qabel l-incident. Impjegat iehor Sandro Battistino ighid fis-seduta tal-21 ta' Lulju, 1995, a fol 92 li *'Fil-post ghandna u dak in-nhar kellna wkoll "protective clothing" jigifieri ngwanti, "wrist cuffs" u fradal. Jekk miniex sejjer zball Robert kellu wkoll il-boots'.*

B'danakollu ma ngabet l-ebda prova dwar l-uzu o meno ta' dawn ir-*wrist guards.* In kontro-ezami a fol 80 Paul Galea ighid *'Ma nafx hux qabel jew wara l-incident gew il-"cuffs" mill-Germanja'.* Missier il-konvenut nomine Gaspare Battistino donnu jipprova jevita d-domanda meta jghid *'Qed jigi ndikat lili li fil-hin tal-incident u wara fil-post ma kienx hemm "guards". Jien ma nafx. Kif nista nkun naf? Bi bniedem imwegga ser nara hemmx "wrist guards"? Kienu "standard equipment" jekk inzerta dak il-waqt preciz ma kienx hemm, ma nafx'.* Dan wasal ghall-konkluzjoni *'Naghmel enfasi fuq il-wrist cuffs. Kieku kien liebes dawn, l-attur ma kienx iwegga'.* U kieku kellu l-ingwanti appoziti?

Il-konvenut nomine jidher li kellu esperjenza vasta fix-xoghol ghaliex fis-seduta tal-21 ta' Marzu 1995 a fol 83 ighid *'Qabel l-1986 kont ga nahdem dat-tip ta' xoghol sa mill-1976 l-Ingilterra fis-Sander Mirror Co. ta' Elmora Str., Londra NI. Bejn l-1977 – 80 kont Malta f'Nissen kont Corradino u rgajt mort Londra mal-istess kumpanijaa u mbaghad gejt lura Malta u bdejt il-Mirja Ltd,.* B'hekk zgur

li hu kellu wkoll hjiel ta’ l-esigenzi ta’ sigurta’ fuq ix-xoghol u ma kellux joqghod fuq l-attur ta’ anqas esperjenza sabiex iforni lill-impjegati tieghu bl-apparat necessarju. Wara kollox ma kienx impjegat bhala “safety officer”!

Missieru Gaspare Battistino a fol 95 jixhed li ‘*Jien qatt ma kellimt lill-attur fuq “safety equipment*” u dan minkejja li kif xehed a fol 89 hu kien mar mal-konvenut nomine u l-attur fiera l-Germanja fejn inxtraw *wrist guards* cioe’ ‘*Ordna Cassar, u jien nitkellem bl-ingliz mentri Cassar ma jitkellimx’.*

F’dawn ic-cirkostanzi u mehud in konsiderazzjoni dak li ssottometta l-perit legali u hawn fuq riportat, il-Qorti hija tal-fehma li r-responsabbilta` ghandha tigi apporzjonata ugwalment bejn il-partijiet. Ghalhekk il-Qorti issa se tghaddi ghal-likwidazzjoni tad-danni, kemm dawk konsiderati bhala *damnum emergens* kif ukoll dawk meqjusin bhala *lucrum cessans*.

In kwantu ta' l-ewwel jirrizulta li l-attur nefaq Lm320 f'passaggi biex tela' l-Italja ghall-konsultazzjoni ma' esperti barranin. Il-konsulent Mr. Carmel Apap Bologna xehed li l-ideja li jmur barra ma kenitx haga kapriccuza. Inoltre fil-Casa di Cura Privata Capitanio nefaq Lit. 3,900,000 (Dok. ABC(3)) u Lit. 302,000 (Dok. ABC(4)) ekwivalenti ghal madwar Lm990. It-total ta' dawn mela huwa ta' Lm1,310, u nofshom jammonta ghal Lm655.

Dwar il-*lucrum cessans* il-perit legali adotta *multiplier* ta' 29 sena. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut nomine jghid li jekk il-Qorti kellha ssib xi grad ta' responsabbilta` fil-konvenut nomine, ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-hlas li l-konvenut nomine ghamel sakemm gie terminat lilu l-impjieg.

Fil-kawza fl-ismijiet **George Gatt vs Francis E. Carbone** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.ii.242) intqal:
*"Mhux korrett dak li qed isostni l-appellant li billi huwa zamm lill-appellat fuq xoghol aktar hafif u qed jaqla' wisq izjed minn qabel li allura l-appellat ma sofra ebda dannu;*

*Il-fatt li llum l-0appellat qed jahdem u qed jaqla' aktar milli kien jaqla' qabel korra ma jfissirx li l-appellat ma setax isib opportunitajiet ahjar ta' xoghol kieku ma korriex. Id-dizabilita` necessarjament timplika nuqqas fl-appellat fil-potenzjal tieghu ghax-xoghol mhux biss ma' l-appellant setss izda wkoll ma' terzi jew anke li jahdem ghal rasu. Wiehed ghandu ragonevolment jassumi li d-dizabilita` ma taghtix vantaggi anzi taghti zvantaggi bhal ma huwa li wiehed ikollu jibqa' f'impjieg fejn korra, ghax haddiehor li mhux responsabbli ghad-dizabilita` ma jkunx ippreparat li joffrilu xoghol alternattiv b'rimunerazzjoni ahjar minn dik attwali, li kien jista' jkun offert kieku ma kellux id-dizabilita`"*.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li mhux talli l-attur ma baqax fl-istess impjieg, izda mid-Dok. RC13 jirrizulta li l-impjieg gie terminat fid-29 ta' Jannar 1993, jigifieri sena wara l-incident in kwistjoni. Issa meta gara l-incident jirrizulta li l-attur kien ghad ghandu 31 sena peress li mid-Dok. RC1 (kopja tal-ktieb tax-xoghol) jirrizulta li huwa twieled fit-18 ta' Frar 1960. Dan ifisser pero` li ghalaq 32 sena dsatax-il gurnata biss wara l-incident in kwistjoni. Ghalhekk fic-cirkostanzi, filwaqt li l-Qorti mhijiex se taghti l-ebda konsiderazzjoni ghall-hlasijiet li setghet ghamlet is-socjeta` konvenuta sakemm itterminat l-impjieg ta' l-attur, huwa gust u ragonevoli li l-perijodu adottat bhala *multiplier* jibqa' dak adottat mill-perit legali ta' 29 sena.

In kwantu l-qliegh settimanali, il-Qorti taqbel mal-figura ta' Lm65 determinata mill-perit legali. Dwar il-persentagg ta' dizabilita` dan gie determinat mill-espert mediku fl-ammont ta' 20%.

Il-*lucrum cessans* ghalhekk irid jinhadem hekk:

Lm65 x 52 x 29 = Lm98,020

Lm98,020 x 20% (persentagg disabilita`) = Lm19,604

Lm19,604 x 50% (grad responsabbilta`) = Lm9,802

Minhabba li ghaddew aktar minn ghaxar snin mid-data ta' l-incident ma hu ser jitnaqqas xejn bhala *lump sum payment* (ara per ezempju **Susan Davies et vs Anthony Galea**, Prim'Awla, 10 ta' Ottubru 1997).

Ghalhekk it-total li jrid jithallas lill-attur huwa:

| | |
|---|---|
| *Damnum emergens* | Lm 655 |
| *Lucrum cessans* | Lm 9,802 |
| | -------------- |
| | Lm10,457 |
| | -------------- |

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddisponi mill-eccezzjoni tal-konvenut nomine u mit-talbiet attrici billi:

(1) tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali li sofra l-attur fil-proporzjon ta' 50%,
(2) tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm10,457, u
(3) tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' Lm10,457 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez li jithallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenut nomine.

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA**
**D/REGISTRATUR**